Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa b' Urġenza tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

Data tal-laqgħa: 18 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Andre Grech - Kunsillier.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

37.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li rċieva email mingħand il-Kunsillier, is- Sur Andre Grech li ma setax jattendi minħabba xogħol. Il-Kunsill aċċetta it-talba tiegħu.

## 37.2 Tmiem ta' servizz mill-kuntrattur għal ġbir ta' skart

37.2.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra ittra mingħand is- Sur Salvu Mifsud datata 11 ta' Ottubru 2021 fejn bgħat jinfurma lill-Kunsill li b'effett mill-1 ta' Novembru 2021 huma mhux ser ikun jista' jagħti aktar is-servizz għal ġbir ta' skart domestiku u organiku minħabba raġunijiet ta' saħħa

37.2.2 Is-Sindku sostna li dan huwa servizz li l-lokalita' ma tistax ma jkollix kontinwita' tagħha. Hawnhekk qed nitkellmu fuq servizz li jekk ma jingħatax ser iwassal għal kaos totali u telqa sħiħa fit-toroq ta' Ħal Balzan bil-boroz taz-zibel jakkumulaw. Huwa kompla biex qal li sa mindu rċevejna din l-ittra, l-Kunsill beda jfittex sostitut ta' dan il-kuntrattur għal perjodu definit u dan jingħata Direct Order għaliex l-proċess għal sejħa ta' offerti jieħu fit-tul u sa l-aħħar ta' Ottubru zgur li ma jkunx intemm l-proċess.

37.2.3 Is- SE infurma lill-Kunsill li f'dak li għandu x'jaqsam kwotazzjonijiet, huwa rnexxielu jsib kuntrattur li huma Galea Cleaning Solutions li lest li jagħti dan is-servizz għal perjodu qasir ta' xahrejn għaliex fl-1 ta' Jannar 2022 tkun ġiet aġġudikata is-sejħa għal offerti. Ir-rata kkwotata mill-kuntrattur hija ta' €235 kull kollezzjoni.

37.2.4 Is- SE qal li minħabba l-urġenza ta' dan is-servizz, il-Kunsill għandu jikteb lid- Dipartiment għal Gvern Lokali fuq din il-problema li nħolqot għal kunsiderazzjoni tiegħu u jingħata permess biex jipproċedi b'dan id-Direct Order sa l-aħħar ta' Diċembru 2021.

37.2.5 Il-Kunsill fuq proponiment tal-Kunsillier s- Sur S. Gatt ssekondata mill-Kunsillier O.Degaetano, approva din il-kwotazzjoni u li niktbulid- Dipartiment għal konċessjoni ta' Direct Order.

## 37.3 Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss

37.3.1 Il-Laqgħa ntemmet fil-5:28pm

Ikkonfermati nhar it- Tnejn 25 ta' Ottubru 2021

IFFIRMATI
Dr. Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATI
Mark Mallia
Deputat Segretarju Ezekuttiv